SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2019

**DATA: Is-Sibt, 12 ta' Jannar 2019** **ĦIN: 10.00a.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fit-Tea Room, fi Ġnien is-Serenita'.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku, Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar, il-Kunsilliera: Liam Sciberras u Joseph Bonello. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio, l-Assistent Prinċipal Louise Gatt, Angele' Marie Brincat Assistenta tal-Uffiċċju flimkien ma' numru ta' residenti.

Assenti: Il-Kunsilliera Caroline Galea infurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi għall-laqgħa.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tahom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega Rapport Amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u li jkopri l-perjodu minn l-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

**Proġetti:**

- Għoti mil-ġdid ta' Tarmak fi Triq Peprin
- Kisi ta' toroq f'Wied Garnaw
- Proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani

**Xogħol ta' Upgrading u Manutenzjoni**

- Tindif u manutenzjoni ta' *gutters* f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli
- Installazjoni ta' CCTV Cameras fil-*Playing Field area*
- Installazzjoni ta' *airconditioners* fil-Berġa ta' Santa Luċija
- Manutenzjoni u *upgrading* ta' ġonna u pjazzez
- Żamma ta' Toroq
- Xogħol mil-Awtorita' tad-Djar fuq binjiet u appartamenti tal-Gvern

**Trasport Pubbliku**

- Bus Terminus

**Europe For Citizens**

- Proġett Flows u iffirmar tal-Ġemellaġġ mal-Muniċipalita' ta' Lubriano fl-Italja
- Proġett 2 Will

**Inizjattivi Indirizzati lejn il-Komunita'**

- Ġieħ Santa Luċija
- World Cup Big Screen
- Chinese Film Festival
- Solar Cinema
- Sports Day
- Earth Day
- L-Istrina 2018
- Tiżjin ta' Toroq bi dwal fil-żmien il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira
- Harġiet u inizjattivi oħra organizzati matul is-sena

**Amministrazzjoni**

- Servizzi mill-Uffiċċju tal-Kunsill

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2019

Is-Sindku qara Pjan ta' Ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2019. Huwa spjega fid-dettal il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

**Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2018**
**Proġetti għas-Sena 2019**

- Xogħol ta' parti mill-Promenade
- Kisi ta' Toroq f'Wied Garnaw

**Koordinament ta' Proġett ma' Infrastructure Malta**

- Proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani
- Kisi ta' Toroq minn Infrastrucure Malta

**Proġett taċ-Ċentru tal-Kommunita'**

**Sistema ta' CCTV Cameras**

**Xogħol ta' Upgrading**

- Xogħol ta' *upgrading* fuq *gutters* f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli
- Xogħol ta' *upgrading* ta' Pjazez u Playing Field
- *Upgrading* tal-Bring in Sites
- Xogħol ta' *upgrading* tal-Uffiċini tal-Kunsill

**Attivitajiet u Inizjattivi indirizzati lejn il-komunita'**

- Attivitajiet u Inizzjativi
- Sparar fil-festi

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 4 KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### *4.1 Is-Sur Joseph Ebejer*

Is-Sur Ebejer irrefera għal xogħol li qed isir mill-Awtorita' tad-Djar fuq il-gallarija tal-appartament tal-Gvern fejn joqgħod. Huwa qal li bdew ix-xogħol u ma ġewx ikomplu. Huwa qal li mix-*shaft* ukoll qed jidħol l-ilma.

### *4.1.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal lix-xogħol fuq il-gallarijiet għadu mhux lest imma kien ser jitlob laqgħa *onsite* mal-perita li qed tieħu ħsieb dan il-proġett. Huwa qal li fir-rigward tal-ħsarat fix-*shaft* kien ser isir rapport lill-Awtorita' tad-Djar.

### *4.2 Is-Sur Joe Soler*

Is-Sur Soler feraħ lill-Kunsill għat-tiżjin ta' toroq fil-ġranet tal-Milied u qal li dan kompla jżid il-ferħ tal-Milied. Huwa semma t-tikħil tal-blokki tal-Gvern li qed isir mill-Awtorita tad-Djar u qal li qed isir xogħol sew u tajjeb. Rigward l-inizjattiva Sort It Out qal li hemm ċertu nies li mhux qed jikkoperaw u filgħaxija diġa jkun hemm il-boroż barra. Huwa staqsa jekk hux ser issir Triq il-Ġiżimin. Rigward it-trasport pubbliku huwa qal li sar progress iżda l-karozza tal-linja ġieli ma tiġix.

### *4.2.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal li Infrastructure Malta diġa ħabbret uffiċjalment li fis-sena 2019 ser tagħmel xogħol ta' *resurfacing*Triq il-Ġiżimin. Rigward il-ħruġ tal-iskart huwa qal li kemm ilha li bdiet din l-iskema tas-Sort it Out diġa ġew immultati disa' persuni.

## *4.3 Is-Sur Victor Pisani*

Is-Sur Pisani qal li xtaq jibda billi jirringrazzja l-Kunsill u l-istaff tal-Kunsill tax-xogħol li jagħmlu. Huwa qal li xtaq jitkellem fuq tlett affarijiet. Huwa rrefera għax-xogħol ta' kisi ta' toroq li sar fi Triq Peprin u staqsa għala ma baqgħux sejrin sar *roundabout* bix-xogħolijiet. Huwa tkellem ukoll dwar il-problema ta' ġrieden kbar li jaqsmu mill-wied u jiġu ħdejn il-parapetti tad-djar. Huwa qal li minn meta rraporta wara jumejn ġew jitfgħu l-velenu iżda l-problema baqgħet tippersisti. Is-Sur Pisani semma wkoll ix-xogħolijiet ta' kisi ta' toroq li qed isiru f'Wied Garnaw u qal li l-ħaddiema li qed jagħmlu dan ix-xogħol huma arroganti u lanqas biss ġew javżaw li kienu ser jagħlqu l-ilma.

## *4.3.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal li fir-rigward ta' Triq Peprin il-biċċa li ma saritx kienet ser issir mal-proġett tal-*junction* fejn minn dħul biss issa ser issir dħul u ħruġ. Fir-rigward tal-problema tal-ġrieden is-Sindku qal li wieħed irid jikkunsidra li fl-*area* tal-wied dawn ikunu fl-abitat tagħhom. Huwa qabel mas-Sur Pisani dwar l-arroganza tal-ħaddiem tal-kuntrattur li qed jagħmel xogħol fuq toroq rurali f'Wied Garnaw u qal li lanqas biss infurmaw lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma li kienu ser jagħlqu l-*main*.

## *4.4 Is-Sur Mario Buttiġieġ*

Is-Sur Buttiġieġ staqsa jekk kienitx ser issir Triq Bruka.

## *4.4.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku wieġeb kif diġa ħabbar meta qara l-Pjan ta' Ħidma, huwa nfurmat li din it-triq ser issir minn Infrastructure Malta

## *4.5 Is-Sur Joe Soler*

Is-Sur Soler irrefera għall-proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani u staqsa jekk għadux ser jintmiss il-Jogging Track. Huwa qal li ħa gost lis-siġar li ġew rilokati issa jidher li ħadu r-ruħ. Is-Sur Soler qal li xtaq jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha.

## *4.5.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku nforma li l-Jogging Track ser jintmiss mis-*subway* 'il fuq u l-aktar li ser jidħlu l-ġewwa kien wisa' ta' ħmistax 'il metru.

***4.6. Is-Sinjura Polly Cilia***

Is-Sinjura Cilia rreferit għat-trasport pubbliku u qalet li xtaqet li l-karrozza tal-isptar terġa tibda tgħaddi minn Raħal Ġdid.

***4.6.1 Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jgħaddi s-suġġeriment tas-Sinjura Cilia lill-Awtoritajiet ikkonċernati.

***4.7 Is-Sinjura Jane Pace***

Is-Sinjura Pace irreferit għal *bus shelter* li hemm fi Triq Żnuber u qalet li din hemm bżonn li ddur biex jidher li hemm in-nies qed jistennew il-karozza tal-linja.

Qamet diskussjoni u s-Sur Soler ippropona li tal-linja tibda tidħol ħames minuti qabel.

***4.7.1 Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li jekk ix-xufiera jidħlu ħames minuti qabel jiġu mmultati mill-kumpanija.

**4.8 Is-Sur William Hendy**

Is-Sur Handy staqsa jekk hemmx xi ħsieb li ssir residenza għall-anzjani.

**4.8.1 Tweġiba tas-Sindku**

Dak il-ħin qamet diskussjoni u ssemmiet il-kontraversja li kienet inqalet meta kien hemm proposta ta' dar għall-anzjani fuq art ODZ.

**5. DISKORS TAL-GĦELUQ**

Is-Sindku stieden lil membri tal-Kunsill biex jgħaddu l-messaġġ tagħhom lill-pubbliku preżenti għal din il-laqgħa.

***5.1 Il-Kunsillier Joe Bonello***

Il-Kunsillier Joe Bonello irringrazzja lil dawk preżenti u xtaqilhom is-sena t-tajba. Huwa rringrazzja lil dawk presenti talli attendew għal din il-laqgħa. Huwa qal li l-membri tal-Kunsill huma għad-dispożizzjoni tar-residenti u awgura aktar koperazzjoni bejn ir-residenti u l-Kunsill.

### *5.2 Il-Kunsillier Liam Sciberras*

Is-Sur Sciberras qal li l-Kunsilli Lokali issa ilhom ħamsa u għoxrin sena u matul dan il-perjodu huwa trabba u għix f'Santa Luċija. Huwa qal li jħoss li l-Kunsill għamel xogħol sostanzjali. Huwa qal li l-laqgħat tal-Kunsill kienu produttivi u minn nuqqas ta' qbil u diskussjoni nibtu idejat tajbin. Semma fejn kien hemm laqgħat dwar ir-residenza għal-anzjani li hu ma qabilx magħha għax kien qed jiġi propost li din tkun fuq art ODZ. Huwa qal li qabel fuq il-proġett tal-mini fi Triq tal-Barrani għax jidher li dan ser ikun żvilupp sostenibbli. Huwa faħħar l-imput tal-Fondazzjoni Right to Smile u qal li j'Alla fil-futur Kunsill ġdid ikompli jtejjeb fuq li hemm u jaħdem għal-ġid tar-residenti.

### *5.3 Il-Viċi Sindku Frederick Cutajar*

Is-Sur Cutajar qal li kien għamel tnejn u għoxrin sena bħala Sindku ta' din il-lokalita' u qal li preżentament jinsab f'kariga differenti li għenitu wkoll jara l-affarijiet minn perspettiva oħra. Huwa qal li ser ikompli jaħdem għax għad fadal ħafna xogħol xi jsir. Huwa qal li hu kommess li jibqa jiffoka fuq ix-xewqa tal-Kunsill li fil-lokalita' jkun hawn Ċentru tal-Komunita'. Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi irringrazzja lil dawk preżenti, lis-Sindku u lill-sħabu l-Kunsilliera. Huwa rringrazzja wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha għax qal dawn huma l-*backbone* tal-Kunsill.

### *5.4 Is-Sindku Terrence Ellul*

Is-Sur Ellul qal li erba' snin fil-kariġa ta' Sindku jgħinuk timmatura. Huwa qal li għad hemm ħafna xi jsir. Semma r-riforma tal-Kunsilli Lokali li ser tkun immirata lejn ir-residenti. Is-Sur Ellul qal li issa l-kontijiet tad-dawl u l-ilma ser jibdew jitħallsu fil-Kunsill Lokali. Huwa qal ukoll li qed issir kordinazzjoni biex il-*bins* tas-Sort it Out ikunu jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku għalaq id-diskors tiegħu billi awgura lill-sħabu suċċess fl-elezjonijiet li jmiss.

## 6. TMIEM

Il-laqgħa ntemmet fil-11.45a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum, it-Tlieta 29 Jannar 2019**

**Terrence Ellul**
**Sindku**